Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,863, 20 ta' Mejju, 2022
Taqsima B

A.L. 146 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Maltese Studies taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Istudji Maltin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Istudji Maltin bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Maltese Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Maltese Studies taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Istudji Maltin, ippubblikati bħala Avviż Legali 79 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' April, 2022 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kumitat tad-Dħul tal-Istitut, wara evalwazzjoni bir-reqqa tad-dokumenti sottomessi b'sostenn għall-kwalifiki ppreżentati, u wara intervista, jista' jirrakkomanda d-dħul tal-applikanti li japplikaw biex jidħlu skont il-*University*

Policy for the Recognition and Accreditation of Prior Learning li jkollhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra u esperjenza dokumentata jekk dawn ikunu meqjusa li huma komparabbli mal-kwalifiki msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament. Id-dħul ta' dawn l-applikanti jista' jkun suġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti biex jindirazzaw kwalunkwe nuqqas fil-preparazzjoni akkademika tal-applikant."

It-Tħassir tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 10 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinamenti 10 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 9 sa 12.